IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.8.2013
COM(2013) 574 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Is-Seba' Rapport dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (91/271/KEE)**

{SWD(2013) 298 final}

MT MT

## WERREJ


1. Introduzzjoni ........ 3
2. Valutazzjoni kumplessiva tal-konformità ........ 4
2.1. Sistemi ta' ġbir ........ 4
2.2. Trattament Sekondarju ........ 5
2.3. Trattament iktar strett ........ 5
2.4. Bliet kbar/Skarikaturi kbar ........ 9
2.5. Żoni sensittivi ........ 9
3. Tendenzi ta' konformità ........ 9
4. Tnaqqis tat-tniġġis fil-passat u fil-futur ........ 10
5. Titjib permezz ta' kofinanzjament ........ 11
6. Azzjoni dwar konformità fil-passat ........ 12
7. L-"approċċ ġdid" għall-promozzjoni tal-konformità ........ 11
8. Konklużjonijiet u perspettiva ........ 12

# 1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi[1] (iktar 'il quddiem "id-Direttiva") hija waħda mill-għodod ta' politiki ewlenin dwar l-ilma fl-Ewropa. L-għan tagħha huwa li tipproteġi l-ambjent mill-effetti negattivi tal-iskariku tal-ilma urban mormi miż-żoni residenzjali (bliet/irħula) u tal-ilma industrijal biodegrabbli mormi mis-settur agroalimentari (pereżempju l-industrija tal-ipproċessar tal-ħalib, l-industrija tal-laħam, il-birreriji eċċ.). Id-Direttiva teżiġi l-ġbir xieraq tad-drenaġġ u tirregola l-iskariku tal-ilma mormi billi tispeċifika t-tip ta' trattament minimu li għandu jiġi pprovdut u tistabbilixxi valuri ta' limitu massimu ta' emissjonijiet jew is-sustanzi li jniġġsu ewlenin (ammont organiku u nutrijenti)[2]. Implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva hija prerekwiżit sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali stabbiliti fid-Direttiva Kwadru tal-UE dwar l-Ilma (WFD)[3] u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istarteġija Marina[4].

L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva kienet ta' sfida speċjalment minħabba l-aspetti finanzjarji u tal-ippjanar relatati mal-investiment infrastrutturali ewlieni, bħas-sistemi tad-drenaġġ u l-faċilitajiet ta' trattament. Il-livelli baxxi ta' implimentazzjoni jistgħu jwasslu għal tniġġis organiku fix-xmajjar u l-għadajjar u anke għall-akkumulazzjoni ta' ammonti ta' nutrijenti (ewtrofikazzjoni)[5] li b'mod partikolari jaffettwa l-għadajjar, u l-ilmijiet kostali u marini li huma partikolarment sensittivi. Skont ir-rapport ta' implimentazzjoni tad-WFD ippubblikat dan l-aħħar[6], it-tniġġis tal-punt tas-sors kien għadu pressjoni sinifikanti fi 22 % tal-korpi tal-ilma fl-UE. L-ewtrofikazzjoni baqgħet theddida ewlenija f'madwar 30 % tal-korpi tal-ilma fi 17-il Stat Membru. L-iskariku ta' ilma mormi mhux trattat jew mhux trattat biżżejjed jikkontribwixxi għal dawn il-problemi.

It-tniġġis tal-ilma mormi jista' wkoll jaċċellera t-telf tal-bijodiversità u jiddeterjora s-sorsi tal-ilma tax-xorb jew l-ilmijiet għall-għawm, u jikkawża tħassib għas-saħħa pubblika. Dan jinkludi tifqigħat ta' mard ikkawżat mill-ilma speċjalment mard relatat ma' sorsi żgħar tal-ilma, mard ikkawżat mill-esponiment għal ilma għall-għawm ikkontaminat (tniġġis organiku, tniġġis mill-proliferazzjoni tal-alga minħabba eċċess ta' nutrijenti) jew il-konsum ta' frott tal-baħar ikkontaminat, eċċ. Dawn l-impatti jistgħu jwasslu wkoll għal konsegwenzi negattivi għas-setturi ekonomiċi bħat-turiżmu u l-industrija tat-trobbija tal-frott tal-baħar.[7].

L-isforzi ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri diġà wasslu għal titjib sinifikanti fit-trattament tal-ilma mormi. Konsegwentement, il-kwalità tal-ilma fl-Ewropa tjiebet b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar deċennji u l-effetti tas-sustanzi niġġiesa naqsu[8]. Madankollu, l-implimentazzjoni għada 'l bogħod milli tkun lesta u l-problemi tat-tniġġis għadhom jippersistu.

Il-proposta tal-Kummissjoni għas-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali (7$^{th}$ EAP) [9] kif ukoll id-dokument ġdid li jġib it-titlu "Pjan għas-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa

---

1 Direttiva 91/271/KEE, ĠU L 135 tat-30.5.1991

2 Għal iktar dettalja dwar il-kamp ta' applikazzjoni, l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, ara: http://ec.europa.eu/environment/water/water-urbanwaste/index_en.html

3 Direttiva 2000/60/KE, ĠU L 327 ta' 22.12.2000

4 Direttiva 2008/56/KE, ĠU L 164 ta' 25.6.2008

5 "ewtrofikazzjoni" tfisser li l-ilma jkun mogħni b'nutrijenti, speċjalment b'komposti ta' nitroġenu u/jew fosfru, li jikkawżaw it-tkabbir mgħaġġel ta' algae u forom aktar għoljin ta' pjanti ħajjin biex jipproduċu tfixkil mhux mixtieq lill-bilanċ ta' organiżmi li jkunu preżenti fl-ilma kif ukoll lill-kwalità ta' l-ilma kkonċernat".

6 Għal aktar dettalji, ara http://ec.europa.eu/environment/water/water-framework/implrep2007/index_en.htm#third

7 Għal aktar dettalji: ŻEE (2010): L-Ambjent Ewropew – Stat u Perspettiva 2010 – Kwalità tal-Ilma Ħelu.

8 Għal aktar dettalji: ŻEE (2012): L-Ilmijiet Ewropej-valutazzjoni tal-istatus u l-pressjonijiet

9 COM (2012) 710 finali. Għal aktar dettalji, ara http://ec.europa.eu/environment/newprg/pdf/7EAP_Proposal/en.pdf.

(Blueprint to Safeguard Europe's Water Resources)" [10] jirrikonoxxu l-importanza ta' din id-Direttiva u jenfasizzaw li hija meħtieġa azzjoni rinfurzata sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tagħha.

Dan is-Seba'(7) Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva jiddeskrivi l-progress li sar sal-aħħar tal-2009/2010. Ir-Rapport jinkludi wkoll tendenzi ta' konformità u jippreżenta approċċ ġdid għall-"promozzjoni tal-konformità" u l-passi tiegħu lejn informazzjoni pubblika u rappurtar. Minbarra dan ir-rapport, hemm disponibbli Anness bit-Tabelli[11] u "Rapport" tekniku iktar iddettaljat[12]. Id-distakki bejn id-dejta rrappurtata u l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport huma intrinsiċi għall-mod li bih kien organizzat fil-passat l-immaniġġjar tad-dejta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Is-servizzi tal-Kummissjoni għaldaqstant qed jipproponu "approċċ ġdid" anke fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-konformità u jinkoraġġixxu lill-Istati Membri biex jipprovdu onlajn informazzjoni li tkun iktar aġġornata fil-livell nazzjonali (ara l-punt 7).

## 2. VALUTAZZJONI KUMPLESSIVA TAL-KONFORMITÀ

Il-valutazzjoni tal-konformità għandha l-għan li tanalizza l-grad ta' konformità mad-Direttiva, abbażi ta' informazzjoni li l-Istati Membri jipprovdu. Hija bbażata fuq l-applikazzjoni ta' linji gwida u ta' metodoloġija disponibbli fir-Reportnet tal-EEA[13]. Id-dejta rrappurtata dwar l-infrastruttura tal-ilma mormi hija disponibbli mill-water info Waterbase tas-Sistema tal-Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE) għaż-żoni residenzjali rrappurtati u l-impjanti ta' trattament tagħhom.[14]

Dan l-eżerċizzju ta' rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva kien suċċess. Għall-ewwel darba, 27 Stat Membru pprovdew informazzjoni għar-rapport u l-biċċa l-kbira minnhom ipprovdewha fil-ħin. Ir-rapport ikopri kważi 24 000 belt u raħal li għandhom iktar minn 2000 abitant (li jiġġeneraw tniġġis li jikkorrispondi għal popolazzjoni ta' 615-il miljun, magħrufa bħala ekwivalenti tal-popolazzjoni[15]). Kważi 18000 belt u raħal (jew 81 % tal-volum tal-popolazzjoni) jinsabu fil-15-il Stat Membru li daħlu fl-UE qabel l-2004 (UE-15). Il-bqija jinsabu fit-12-il Stat Membru li daħlu fl-UE fl-2004 u fl-2007 (UE-12). Il-valutazzjoni tal-konformità twettqet għal 26 Stat Membru, minħabba li fir-rigward tar-Rumanija, l-ebda skadenza għall-konformità miftiehma fit-Trattat tal-Adeżjoni tagħhom ma skadiet sal-2010. Il-Kroazja saret parti mill-UE fl-1 ta' Lulju 2013 u għalhekk ma kinitx inkluża f'dan l-eżerċizzju ta' rappurtar.

Għal diversi Stati Membri oħra li ngħaqdu fl-2004 u l-2007, l-iskadenzi għall-konformità skadew matul il-perjodu ta' rappurtar għal dan ir-rapport. Madankollu, ħafna mill-ibliet/irħula għandhom jikkonformaw mal-iskadenzi tal-2010 u wara u għaldaqstant ma ġewx ivvalutati f'dan ir-rapport.

Ir-riżultati ewlenin tal-analiżi tal-implimentazzjoni jidhru fil-qosor hawn taħt (għal dettalji għal kull Stat Membru, ara t-Tabella 1 fl-Anness, li tinkludi wkoll informazzjoni ddettaljata dwar skadenzi li għaddew fit-12-il Stat Membru li ssieħbu fl-UE fl-2004/2007).

---

10 COM (2012) 673 finali. Għal aktar dettalji, ara http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2012:0673:FIN:EN:PDF.

11 SWD (2013) (298)

12 Is-Seba' (7) Valutazzjoni Teknika ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi kif em 98/15/KE tas-27 ta' Frar 1998.(Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2009 jew fil-31 ta' Diċembru 2010). Abbozz imħejji mill-konsulent tal-Kummissjoni Umweltbundesamt GmbH (l-Awstrija).

13 Għal iktar dettalji, ara http://rod.eionet.europa.eu/obligations/613.

14 http://www.eea.europa.eu/data-and-maps/data/waterbase-uwwtd-urban-waste-water-treatment-directive-3.

15 It-terminu "ekwivelenti tal-popolazzjoni" jew e.p. jinsab fid-Direttiva u jkopri t-tniġġis organiku ġġenerat l-aktar mill-abitanti ta' villaġġ/belt żgħira, u sorsi oħra bħal popolazzjoni mhux residenti (turisti) u industriji agro-alimentari.

### 2.1. Sistemi ta' ġbir

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE jiġbru l-ilma mormi tagħhom f'livelli għoljin ħafna b'rata medja ta' konformità ekwivalenti sa 94% (żieda minn 92%). Madwar 15-il Stat Membru anke jilħqu konformità ta' 100 %. L-Istati Membri kollha jew żammew jew tejbu r-riżultati preċedenti tagħhom. Madankollu, xorta għad hemm pajjiżi li huma Stati Membri fejn ma hemm ebda ġbir jew hemm ġbir parzjali ta' drenaġġ. Ħames Stati Membri kien għad kellhom rati ta' konformità taħt it-30 % fl-2009/2010(BG, CY, EE, LV, SI).

### 2.2. Trattament Sekondarju

Fl-2009/2010, total ta' 82% tal-ilma mormi fl-UE irċieva trattament sekondarju li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, erba' (4) punti perċentwali iktar mir-Rapport preċedenti. Erba' Stati Membri laħqu konformità ta' 100 % u sitt Stati Membri oħra kellhom livell ta' konformità ta' 97 % u iktar. Madankollu, ir-rati ta' konformà fl-Istati Membri tal-UE-12 għadhom ferm lura u 39 % biss tal-ilma mormi tagħhom irċieva trattament sekondarju xieraq. CZ, HU, LT u SK biss laħqu riżultati ta' konformità bejn 80-100%.

### 2.3. Trattament iktar strett

Dan it-tip ta' trattament ta' ilma mormi, magħruf ukoll bħala trattament terzjarju, fejn meħtieġ jikkumplimenta t-tieni trattament u huwa mmirat l-iktar biex jelimina n-nutrijenti għall-mitigazzjoni tal-ewtrofikazzjoni jew biex jitnaqqas it-tniġġis batterjoloġiku li jista' jaffettwa s-saħħa tal-bniedem (bħaż-żoni tal-ilma tax-xorb jew ilmijiet għall-għawm)[16]. Kien hemm rata ta' konformità kumplessiva ta' 77%. Madankollu, kien hemm dewmien partikolari fl-implimentazzjoni ta' trattament iktar strett fl-Istati Membri tal-UE-12 fejn 14 % biss tal-ilma mormi kien trattat kif xieraq. Min-naħa pożittiva, erba' pajjiżi laħqu konformità ta' 100 %.

FIGURA




*Figura 1: Riżultati ta' konformità fil-livell ta' UE-27, UE-15 u UE-12 rigward l-Artikolu 3 tad-Direttiva (ġbir),bil-kulur aħdar, l-Artikolu 4 (trattament sekondarju), bil-kulur roża u l-Artikolu 5(trattament iktar strett), bil-kulur blu. Il-valuri medji huma riflessi, ppiżati skont id-daqs tal-Istati Membri.*

---

[16] Kif ukoll, teknoloġiji ta' trattament terzjarju (e.ż. ożonazzjoni, klorinazzjoni, raġġi UV, teknoloġiji bil-membrana, filtri tar-ramel), huma diskussi ħafna bħala waħda mill-alternattivi l-iktar promettenti għall-mitigazzjoni ta' mikrosustanzi li jniġġsu (sustanzi emergent ta' kontaminazzjoni inklużi prodotti farmaċewtiċi u ta' kura personali u kimiki industrijali oħra) li jidħu fl-ambjent akkwatiku

Ir-riżultati fil-livell tal-UE-27, UE-15 u UE-12 huma riflessi fil-Figura 1[17].

Il-valuri fil-livell ta' UE-15 b'mod ġenerali huma għoljin u saħansitra għoljin ħafna f'pajjiżi bħall-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, u l-Awstrija. Ir-riżultati tal-UE-12 huma relattivament baxxi speċjalment fir-rigward tat-trattament iktar strett.

Il-valuri fil-livell tal-UE-27 ukoll huma għoljin u jixbħu sew il-valuri tal-UE-15 (anke jekk naqra iktar baxxi), minħabba:

a) Ir-rilevanza relattivament ogħla ta' ċifri dwar il-ġbir u t-trattament mill-pajjiżi UE-15. Fil-livell tal-UE-15, l-iskadenzi kollha għall-konformità skadew u għalhekk l-ammont ta' ilmijiet mormija soġġetti għall-konformità huwa kbir, u għalhekk huma għolja r-riżultati ta' konformità marbuta magħhom.

b) Ir-rilevanza iktar baxxa taċ-ċifri dwar il-ġbir u t-trattament mill-pajjiżi tal-UE-12, fejn ir-riżultati dwar il-konformità jirrigwardaw biss partijiet tal-ibliet/irħula tagħhom, jiġifieri dawk soġġetti għall-konformità sal-2009/10.

17 Tabella 1 (ara l-Anness) tirrifletti riżultati għal kull Stat Membru u l-UE-27, UE-15, UE-12 level, ikklassifikati skont firxiet ta' konformità




*Figura 2: Riżultati tal-konformità għal kull Stat Membru rigward l-Artikolu 3 tad-Direttiva (ġbir), bil-kulur aħdar, l-Artikolu 4 (trattament sekondarju),bil-kulur roża u l-Artikolu 5 (trattament iktar strett), bil-kulur blu. Il-pajjiżi huma kklassifikati billi l-ewwel jidhru dawk li għandhom l-inqas livelli ta' konformità mal-Artikolu 5,imbagħad f'ordni dejjem tikber ta' konformità. Fis-Slovakkja (Artikolu 5) u fir-Rumanija (Artikoli 3, 4 u 5), huwa rrappreżentat il-kunċett ta' "installazzjonijiet fil-post" minflok il-konformità, peress li l-iskadenzi għal dawk l-Artikoli kienu għadhom ma skadewx sas-sena rrappurtata (ma ntalbux ċifri dwar il-konformità iżda l-Istati Membri rrappurtaw l-ilma mormi miġbur u trattat). F'Ċipru u l-Latvja r-riżultati ta' konformità kienu 0% għaliex is-sistemi ta'*

*ġbir u l-impjanti ta' trattament ma kinux għadhom operattivi għall-kollox fis-sena rrappurtata (2009); madankollu sar progress sinifikanti minn dakinhar u r-rati reċenti ta' konformità huma ħafna ogħla.*

Ir-riżultati nazzjonali fil-Figura 2 jirreferu għal dejta u għas-sitwazzjoni mhux iktar tard mill-2009 jew l-2010. Is-servizzi tal-Kummissjoni huma konxji li f'ħafna Stati Membri, b'mod partikolari f'dawk li għandhom rati ta' konformità baxxi, sar progress sinifikanti u ħafna drabi, ir-rati ta' konformità attwali huma (ħafna) ogħla (b'mod partikolari f'Ċipru u l-Latvja).

### 2.4. Bliet kbar/Skariki kbar

Dan ir-rapport jidentifika 585 belt kbira, li kull waħda tipproduċi ilma mormi ekwivalenti għal (jew aktar minn) popolazzjoni ta' 150,000. L-ammont tat-tniġġis li huwa prodott f'dawn il-bliet kbar biss huwa ta' 45% tal-ammont totali miġbur. Minn dawn il-585 belt, madwar 91% tal-ammont tat-tniġġis jirċievi trattament iktar strett (l-aħjar trattament disponibbli). Dan huwa titjib meta mqabbel mar-rapport preċedenti meta 77 % biss tal-ammont tat-tniġġis rilevanti ngħata tali trattament. Madankollu, il-grad ta' konformità jvarja b'mod sinifikanti fost l-ibliet kbar/l-iskarikaturi kbar.

Bħala eżempju, ħdax biss minn 27 belt kapitali[18] tal-Istati Membri tal-UE jistgħu jgħidu li kellhom "konformità sħiħa" fl-2010 anke mal-iktar rekwiżiti stretti, meta applikabbli (ara t-Tabella 2 u l-kummenti fl-Anness għal dettalji dwar il-kapitali tal-UE).

### 2.5. Żoni sensittivi

Is-sehem tat-territorju tal-UE identifikat jew ikkunsidrat bħala żona sensittiva żdied mir-rapport preċedenti u sal-2010 laħaq kważi 75 %. L-iktar żidiet rilevanti saru fi Franza u l-Ġermanja. Dettalji taż-żoni sensittivi fl-Istati Membri tal-UE huma disponibbli fil-mapviewer.[19]

## 3. TENDENZI TA' KONFORMITÀ

Valutazzjoni tal-progress lejn konformità sħiħa tal-Istati Membri kollha għandha tiddistingwi bejn l-UE-15 u dawk l-Istati Membri li ssieħbu fl-2004 u l-2007. Ir-rekwiżiti ta' konformità inbidlu regolarment speċjalment minħabba t-tkabbir u l-perjodi tranżizzjonali fi stadji fid-Direttiva li skadew. L-iskadenzi kollha għall-UE-15 spiċċaw sal-31 ta' Diċembru 2005, iżda għall-UE-12, dawk l-iskadenzi se jibqgħu jiddekorru bl-aħħar skadenza finali tiskadi fl-2018. Sal-2004, dejta mill-Istati Membri tal-UE-15 biss hija disponibbli. Konsegwentement, il-kejl tal-progress għas-27 Stat Membru kollha kien possibbli biss mill-ħames (5) Rapport (2005/2006). Meta r-riżultati kollha ppubblikati mir-rapporti preċedenti tal-Kummissjoni jinġabru flimkien, tista' tintwera żieda indikattiva fir-rata tal-konformità. Hemm eċċezzjoni waħda biss: it-tnaqqis mill-ħames (5) u s-sitt (6) rapport irriżulta mill-fatt li għadd ta' Stati Membri b'riżultati ta' implimentazzjoni iktar dgħajfa, ma bagħtux l-informazzjoni neċessarja għall-inklużjoni fil-ħames Rapport (2005/2006). Minkejja dan, huwa pożittiv li ninnotaw li hemm żieda fit-tendenza mis-sitt Rapport (2007/2008) għas-Seba' Rapport (2009/2010), peress li l-Istati Membri tal-UE-12 kellhom obbligi/skadenzi ta' konformità għall-ewwel darba, iżda dawn ma baxxewx ir-riżultati pożittivi kumplessivi.

---

[18] Amsterdam, Ateni, Berlin, Bratislava, Kopenħagen, Ħelsinki, Madrid, Pariġi, Stokkolma, Vjenna u Vilnius

[19] http://www.eea.europa.eu/themes/water/interactive/soe-wfd/urban-waste-water-treatment-directive-viewer




*Figura 3 Rata ta' konformità matul is-snin: Din il-figura tirrifletti l-iżvilupp tal-konformità fuq il-ġbir, it-trattament bijoloġiku jew sekondarju u trattament iktar strett, matul id-diversi Rapporti ta' Implimentazzjoni differenti (mit-tieni rapport 'il quddiem), fis-snin irrappurtati rispettivament (1998 sal-2009/2010). Mhux ir-riżultati kollha kienu disponibbli fir-Rapporti kollha, fejn huma neqsin, il-valuri ma jistgħux jidhru fil-Figura u tidher diskontinwità "fil-linja tat-tendenza".*

## 4. TNAQQIS TAT-TNIĠĠIS FIL-PASSAT U FIL-FUTUR

Il-Kummissjoni ivvalutat ukoll it-tnaqqis tat-tniġġis li seħħ minħabba l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u t-tnaqqis mistenni fis-snin li ġejjin f'sitwazzjoni ta' konformità sħiħa. Dan sar bħala parti mill-proġett FATE[20] (relatat mal-valutazzjoni tad-destin u l-impatti ta' sustanzi li jniġġsu f'ekosistemi terrestjali u akwatiċi).

Fl-2011/2012, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni (JRC) ippubblika żewġ rapporti[21] li kkunsidraw l-ammont tat-tniġġis u t-tnaqqis bħala riżultat ta' diversi politiki tal-UE (inkluża d-Direttiva Kwadru dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar in-Nitrati u d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi) fil-passat (1985-2005) u l-ammont u t-tnaqqis mistenni (sal-2020 mas-sena ta' referenza 2005).

Fir-rigward tat-tnaqqis tan-nutrijenti fil-passat, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban mormi, kellha suċċess fil-kontroll ta' emissjonijiet minn sors ta' punt ta' nutrijenti u għaldaqstant tnaqqis tal-inputs fl-ilma tal-wiċċ tal-Ewropa. Dan huwa deskritt f'wieħed mir-rapporti tal-JRC imsemmija hawn fuq, "Ammonti ta' nutrijenti għal tul ta' żmien twil li jidħol fl-Ibħra Ewropej (Long term nutrient loads entering the European Seas)". Skont dan ir-rapport, meta l-istimi tal-ammonti tan-nutrijenti għall-2005 jitqabblu ma' dawk tal-1991 fl-iskala kontinentali Ewropea, l-esportazzjoni totali tan-nitroġenu naqset b'9%, filwaqt li l-ammont totali tal-fosfru naqas b'madwar 15%, speċjalment minħabba tnaqqis fl-emissjonijiet minn sors ta' punt. Fir-rapport intqal ukoll li fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku it-tnaqqis kien l-iktar relatat ma' tnaqqis fis-sors tal-punt minħabba l-implimentazzjoni ta' trattament avvanzat tal-ilma mormi.

Fir-rigward tat-tendenzi fil-ġejjieni fl-isfond ta' xenarju "xejn ma nbidel" (suppożizzjoni: ebda miżura ta' mitigazzjoni tan-nutrijenti ma ġiet applikata), waħda mill-konklużjonijiet ewlenin ta' dan ir-rapport kienet li sas-sena 2020, dan ix-xenarju jirriżulta f'żieda ta' emissjonijiet ta' nutrijenti bbażati fl-art. Jekk issa wieħed jassumi l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (DTIUM), jintlaħaq tnaqqis sinifikati fl-emissjonijiet minn sors ta' punt. F'ċerti partijiet tal-Ewropa, madankollu, l-implimentazzjoni sħiħa tad-DTIUM tista' wkoll tirriżulta (bħala l-ewwel pass) f'żieda fl-

[20] http://fate.jrc.ec.europa.eu/rational/home

[21] http://bookshop.europa.eu/en/scenario-analysis-of-pollutants-loads-to-european-regional-seas-for-the-year-2020-pbLBNA25159/ and http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/111111111/15938/1/lbna24726enc.pdf

emissjonijiet minn sors ta’ punt minn emissjoni mhux miġbura, b’mod partikolari fil-baċir tan-naħa t’isfel tad-Danubju. Dan minħabba li agglomerazzjonijiet żgħar mingħajr sistemi tad-drenaġġ għandhom ġbir u skariku iktar organizzat u dan jirriżulta f'sorsi ta' punt ġodda li fil-mument ma jeżistux. Filwaqt li dan jista’ jnaqqas mill-effikaċja tat-tnaqqis tan-nutrijenti għall-Baħar l-Iswed, dan xorta jwassal għal titjib ambjentali bħal tnaqqis fit-tniġġis tal-ilma ta’ taħt l-art li ma ġiex ivvalutat bħala parti mill-istudju.

Fit-tħejjija ta’ dan ir-rapport ta’ implimentazzjoni, sar kalkolu speċifiku fir-rigward tal-ammont tas-sustanzi niġġiesa **ġġenerati** mill-frazzjoni li ma tikkonformax ta’ ilma mormi tal-bliet/irħula (stima ta’ "distanza għall-konformità"). Huwa ma kkunsidrax il-bliet/irħula mingħajr obbligi ta’ konformità (jiġifieri meta l-iskadenzi fit-Trattati tal-Adeżjoni kienu għadhom ma skadewx fl-2009 u l-2010, l-aħħar sena rrappurtata mill-Istati Membri). Abbażi ta’ dawn l-istimi, l-ammont annwali totali tat-tniġġis li joriġina mill-ilma urban mormi bi ksur tad-Direttiva kien ta’ madwar 603 kt/sena[22] ta’ nitroġenu, 78 kt/sena ta’ fosfru u 3900 ta’ tniġġis organiku totali[23].

Meta ċ-ċifri msemmija hawn fuq jitqabblu mat-total annwali stmat tal-ammont ta’ nutrijenti li jidħlu fl-Ibħra Ewropej (nitroġenu u fosfru), fir-rapport JRC "L-ammont ta’ nutrijenti għal tul ta’ żmien twil li jidħlu fl-Ibħra Ewropej", instab li n-nitroġenu ġġenerat mill-frazzjoni li ma tikkonformax tal-ilma mormi tlaħħaq bejn wieħed u ieħor 15% tan-nitroġenu totali skarikat fl-ibħra. Rigward il-fosfru, il-proporzjon huwa saħansitra ogħla u jilħaq 35% tal-fosfru totali. Tali proporzjonijiet jagħtu prova tar-rilevanza tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva fl-UE kollha.

Kumplessivament, ir-rapport tal-JRC imsemmi iktar ’il fuq jikkonkludi li "*mitigazzjoni ta’ sorsi ta’ punti ta’ nutrijenti hija l-iktar alternattiva effettiva sabiex titnaqqas l-esportazzjoni ta’ nutrijenti lejn l-Ibħra Ewropej. Madankollu, l-fattibbiltà ta’ din tal-aħħar hija relattivament baxxa u tnaqqis ulterjuri ta’ emissjoni ta’ nutrijenti minn sorsi ta’ punt se jinvolvi spejjeż importanti* ".

## 5. TITJIB PERMEZZ TA’ KOFINANZJAMENT

Il-fondi tal-UE jistgħu jintużaw sabiex jassistu fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, b’mod partikolari l-Fond ta’ Koezjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) li jgħin lil dawk ir-reġjuni li jaqgħu lura jew li qed jaffaċċjaw diffikultajiet strutturali biex jilħqu żvilupp sostenibbli. Dawn il-Fondi appoġġjaw b’mod sostanzjali lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jinvestu fl-infrastrutturi meħtieġa għat-trattament tal-ilma mormi fuq diversi perjodi ta’ programmar. L-appoġġ finanzjarju għal investimenti f’xogħlijiet u infrastrutturi relatati mal-ilma mormi kien ippjanat li jkun ta’ madwar EUR 14.3 biljuni f’21 Stat Membru fil-perjodu ta’ pprogrammar attwali 2007-13. Huma prinċipalment, iżda mhux esklussivament l-Istati Membri l-"ġodda" li allokaw l-ikbar proporzjonijiet tal-finanzjament tagħhom għat-trattament tal-ilma mormi. Matul is-snin irrappurtati 2009/2010, il-fondi kumulattivi totali allokati fil-kategorija "ilma mormi" kienu ta’ EUR 3.5 biljuni għall-2009 u EUR 9.7 biljuni għall-2010. L-Istati Membri bl-ogħla ammonti kumulattivi allokati kienu l-Polonja (EUR 3.3 biljuni), ir-Rumanija (EUR 1.2 biljun) u l-Ungerija (EUR 0.6 biljuni).

Minkejja l-appoġġ sinifikanti mill-Fondi tal-UE "il-Kontroll tal-Kundizzjoni (Fitness Check) tal-Politika tal-UE dwar l-Ilma Ħelu "enfasizza li l-maġġoranza tal-fondi neċessarji għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ilma, għandha tiġi ġġenerata fl-Istati Membri.

22 Kilotunnellati/sena

23 Abbażi ta’ domanda għal ossiġnu kimiku (Chemical Oxygen Demand(COD))

Skont studju[24] ta' 22 Stat Membru, għad hemm distakk finanzjarju sinifikanti fir-rigward tal-konformità futura mad-Direttiva f'dawk l-Istati Membri.

Ir-raġuni ewlenija għal dan id-distakk finanzjarju hija li l-progress lejn l-ilħuq tal-irkupru tal-kosti mill-utenti tal-ilma u l-implimentazzjoni tal-prinċipju min iħammeġ iħallas, kif teżigi d-Direttiva Kwadru dwar l-Ilma (WFD), kien bil-mod u insuffiċjenti fil-parti l-kbira tal-Istati Membri. Sabiex tali politiki dwar l-ipprezzar tal-ilma jiġu mħeġġa, il-Kummissjoni pproponiet xi kundizzjonijiet ex ante, inklużi r-rekwiżiti tad-WFD dwar l-ipprezzar tal-ilma li l-Istati Membri jeħtieġ li jissodisfaw fil-Politika ta' Koeżjoni futura tal-UE (2014-2020) għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur tal-ilma.

## 6. AZZJONI DWAR KONFORMITÀ FIL-PASSAT

Il-Kummissjoni ppruvat tiżgura konformità permezz ta' djalogu kontinwu u fejn neċessarju, anke permezz tat-tnedija ta' proċeduri ta' ksur, li xi wħud minnhom imorru lura għall-1997. Sal-lum madwar 20 każ miġbura fuq livell orizzontali[25] kontra l-10 tal-Istati Membri tal-UE-15 għadhom miftuħa.

L-evalwazzjoni riċenti tal-politika fil-"Kontroll tal-Kundizzjoni (Fitness Check) tal-Politika tal-UE dwar l-Ilma Ħelu"[26] ikkonkludiet li l-effikaċja fl-implimentazzjoni tad-Direttiva kienet affettwata b'mod pożittiv mill-proċeduri ta' ksur li jħaffu l-implimentazzjoni. Għalkemm l-azzjoni ta' infurzar fil-livell tal-UE hija proċess relattivament bil-mod u li jieħu ż-żmien, il-maġġoranza tal-każijiet ġew solvuti fil-fażi qabel il-litigazzjoni.

Xi eżempji ta' success huma Franza (każijiet ma' 682 raħal li wettqu ksur imnedija fl-1998 u l-2000) u l-Belġju (175 raħal/belt li oriġinarjament wettqu ksur f'każ imniedi fl-1998). Fiż-żewġ eżempji, prattikament il-bliet/l-irħula kollha msemmija hawn fuq issa qed jikkonformaw. Barra minn hekk, fl-Italja, 475 raħal/belt wettqu ksur meta nbdiet il-proċedura fl-1998; issa fadal biss 110 li kienu għadhom qed iwettqu ksur meta ħarġet is-sentenza tal-Qorti. Minbarra dawn it-tliet pajjiżi, Spanja u l-Greċja għamlu l-ikbar progress mill-aħħar eżerċizzju ta' rappurtar fost l-Istati Membri li għandhom proċeduri ta' ksur pendenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi tat-trattament.

## 7. L-"APPROĊĊ ĠDID" GĦALL-PROMOZZJONI TAL-KONFORMITÀ

Minkejja s-sinjali inkoraġġanti ta' progress, għad hemm distakk sinifikanti fl-implimentazzjoni, b'mod partikolari fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 u wara. Issa qed isir ċar li mingħajr l-isforzi rinfurzati fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, id-dewmien fl-implimentazzjoni f'dawn l-Istati Membri "ġodda" se jkun twil daqs jew itwal minn dak fl-Istati Membri tal-UE-15. Il-prospetti għall-ilħuq tal-progress neċessarju, permezz ta' proċeduri ta' ksur biss, mhumiex inkoraġġanti. Meta wieħed iqis il-kriżi attwali u l-limitazzjonijiet tal-baġits nazzjonali li dejjem qed jiżdiedu, il-Kummissjoni identifikat din id-Direttiva bħala kandidat għat-tnidija ta' inizjattiva pilota għal "approċċ ġdid" fil-promozzjoni tal-konformità u l-implimentazzjoni.

Dan l-"approċċ ġdid" huwa stabbilit fis-Seba'(7) Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP) propost u l-"Pjan għas-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa". L-għan ta' prijorità 4 fis-

---

24 COWI 2010: Kosti għall-Konformità tad-Direttiva dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi. Rapport Finali (Compliance Costs of the Urban Wastewater Treatment Directive). http://ec.europa.eu/environment/water/water-urbanwaste/info/pdf/Cost%20of%20UWWTD-Final%20report_2010.pdf

25 Lista tal-iktar każijiet rilevanti ta' ksur (sal-lum) mis-snin 2009/2010 hija pprovduta fl-Anness tar-Rapport (Tabelli 3 u 4 rispettivament).

26 SWD(2012) 393

Seba' EAP "li jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE" ippropona li jitwettqu azzjonijiet speċifiċi[27], b'mod partikolari:

- L-istabbiliment ta' sistemi fil-livell nazzjonali li attivament ixerrdu informazzjoni dwar kif qed tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, flimkien ma' ħarsa ġenerali fil-livell tal-UE tal-prestazzjoni ta' Stati Membri individwali (magħrufa bħala "Implimentazzjoni Strutturata u Qafas tal-Informazzjoni" (SIIF)).
- It-tħejjija ta' ftehimiet ta' implimentazzjoni ta' sħubija bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Il-Pjan għas-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma stabbilixxa l-għan "sabiex sal-2018 jittejbu r-rati tal-konformità tat-trattatment tal-ilma mormi permezz ta' ppjannar fit-tul ta' investiment (inklużi fondi tal-UE u selfiet mill-BEI)". F'termini prattiċi, il-Pjan ħabbar li l-Kummissjoni se tikkoopera mal-Istati Membri biex tipprepara pjanijiet ta' implimentazzjoni, li jistgħu jieħdu l-forma ta' ftehimiet ta' implimentazzjoni ta' sħubija, sal-2014.

Is-servizzi tal-Kummissjoni bdew jiżviluppaw dawn l-azzjonijiet f'workshop[28] f'Diċembru tal-2012 u se jibdew jirrapportaw il-progress regolarment.

## 8. Konklużjonijiet u perspettiva

Kważi 20 sena wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban mormi, sal-2010 inkiseb progress sinifikanti lejn l-implimentazzjoni sħiħa. Għall-UE-15, ir-rati medji ta' konformità huma ta' 88% għal trattament sekondarju u ogħla għal sistemi ta' ġbir u trattament iktar strett (97 u 90% rispettivament). Fuq quddiemnett, l-Awstrija, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi, implimentaw il-parti l-kbira tad-Direttiva filwaqt li diversi oħrajn kienu viċin ħafna. Għalihom, il-prijorità se tkun li jżommu jew iġeddu l-infrastruttura eżistenti. Barra minn hekk, mill-2010, saru investimenti ulterjuri f'dawk l-Istati Membri tal-UE-15 b'konformità mdewma, anke bħala riżultat tal-azzjonijiet tal-ksur tal-Kummissjoni. Bi sforzi kontinwi matul is-snin li ġejjin, huwa possibbli li tiġi kkompletata (jew fil-parti l-kbira kkompletata) b'suċċess l-implimentazzjoni f'dawk il-15-il Stat Membru sal-2015 jew l-2016. Dan ikun 10 snin wara li tgħaddi l-aħħar skadenza fid-Direttiva oriġinali.

L-istampa hija differenti għal dawk l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004 u wara. Id-distanza tagħhom għall-mira għadha konsiderevoli b'konformità medja ta' 72 % għal sistemi ta' ġbir u 39 % u 14 % rispettivament għal trattament sekondarju u trattament iktar avvanzat. Mingħajr sforzi li qed jiżdiedu fil-livelli kollha, id-dewmien mistenni jista' jkun simili jew itwal minn dak għall-UE-15, fattur li jwassal lil dawk li waqgħu lura fl-implimentazzjoni biex jikkonformaw mad-Direttiva mhux iktar tard mill-2028.

Qasam ieħor ta' tħassib huwa n-nuqqas ta' konformità f'għadd sinifikanti ta' "bliet kbar". Pereżempju, ħdax biss mis-27 belt kapitali tal-UE għandhom sistema ta' ġbir u ta' trattament stabbilita li tikkonforma mal-istandards tekniċi ta' iktar minn 20 sena ilu. Minħabba l-ammont għoli ta' tniġġis ta' dawn l-iskariki kbar dan jikkawża tniġġis ambjentali konsiderevoli.

Dan is-Seba' (7) Rapport ta' Implimentazzjoni jinkludi, għall-ewwel darba, valutazzjoni ddettaljata ta' konformità għas-27 Stat Membru. L-infrastruttura ta' rappurtar stabbilita fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE), qed taħdem tajjeb. Il-proċess ittejjeb u t-termini ta' żmien għall-ipproċessar u l-valutazzjoni tad-dejta tqassar b'mod sinifikanti. Madankollu, f'xi Stati Membri titjib ulterjuri fis-sistema ta' monitoraġġ u ta'

[27] Anness VI (p. 102 pp) tal-Valutazzjoni tal-Impatt (SWD(2012) 397 finali) jipprovdi dettalji dwar l-azzjoni pilota dwar l-Ilma Urban mormi.

[28] https://circabc.europa.eu/w/browse/340cea09-390f-4c11-8e99-712c519c21e4

rappurtar għadu possibbli. Dawn jispjegaw xi wħud mil-livelli baxxi ta' implimentazzjoni jew inkonsistenza ta' dejta dwar id-diversi eżerċizzji ta' rappurtar.

Is-Seba' (7) Programm ta' Azzjoni Ambjentali u l-Pjan għas-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa jenfasizzaw l-importanza tal-ġbir u t-trattament tal-ilma urban mormi. Il-Kummissjoni ħabbret f'dawn l-inizjattivi riċenti ta' politiki li se żżid iktar l-appoġġ tagħha għall-Istati Membri fl-isforzi tal-implimentazzjoni tagħhom billi tippromwovi "approċċ ġdid" sabiex tintlaħaq il-konformità. F'Diċembru 2012, is-servizzi tal-Kummissjoni bdew dawn l-attivitajiet ta' "approċċ ġdid" bl-għan li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jistabbilixxu jew jirrevedu l-pjanijiet ta' implimentazzjoni mhux iktar tard mill-2014.